MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 1788/1998/1

**Margaret Attard**

**vs**

**Dr. Ian Spiteri Bailey u P.L. Madeline Firman li b'digriet tas-7 ta' Ottubru, 1998 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapresentaw lill-assenti Maria Carmela Castle u l-Avukat Dottor Victor Emmanuel Ragonesi bhala ezekutur testamentarju tal-mejjet Anthony Theuma Castelletti maghruf bhala Anthony Castle**

**Il-Qorti;**

**<u>Preliminari</u>:**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar, 2000.

2. L-attrici, fic-citazzjoni taghha, ippremettiet illi fit-22 ta' Marzu, 1994 miet Anthony Theuma Castelletti bi tlett testmenti, li permezz taghhom huwa istitwixxa bhala eredi lil bintu unika il-konvenuta Maria Carmela Castle in kwantu ghal zewg terzi indivizi tal-eredita` u lill-istess attrici in kwantu ghar-rimanenti terz indiviz ta' l-istess eredita`, u innomina lill-konvenut Dott. Victor E. Ragonesi bhala ezekutur testamentarju, liema nomina giet konfermata provvizorjament mis-Sekond Awla b'digriet tat-28 ta' Novembru, 1996. L-attrici ppremettiet ukoll illi *"il-maggor parti tal-assi ereditarji tal-fuq imsemmi mejjet Anthony Theuma Castelletti jikkonsistu f'depoziti bankarji, depoziti ohra u flus li jinsabu l-Ingilterra li kienu fil-kura u taht l-amministrazzjoni tal-konvenuta Maria Castle"*. Ippremettiet ukoll li skond ma gie riferit lilha mill-konvenut Dott. Victor E. Ragonesi, dan, fil-kwalita` tieghu ta' ezekutur testamentarju ma giex moghti l-informazzjoni u l-ispjegazzjonijiet kollha rikjesti minnu mill-konvenuta Maria Carmela Castle sabiex tigi stabbilita l-konsistenza tal-assi ereditarji tad-*decujus* u b'hekk ma setax jespleta l-mansjonijiet tieghu ta' ezekutur testamentarju. L-attrici kompliet tippremetti li bhala eredi in kwantu ghal terz indiviz tal-eredita` tal-mejjet Anthony Theuma Castelletti hija kellha interess li tigi stabbilita l-konsistenza tal-imsemmija assi u li ghal dan il-fini tinghata l-informazzjoni kollha, inkluzi dokumenti relevanti u/jew necessarji. Premess dan kollu, l-attrici talbet li l-ewwel Qorti:

**1. tordna lill-konvenuti jew min minnhom li jaghtu lill-attrici l-informazzjoni kollha inkluzi dokumenti li huma relevanti u/jew neccessarji biex tigi stabbilita l-konsistenza tal-assi ereditarji ta' Anthony Theuma Castelletti li miet fit-22 ta' Marzu, 1994;**
**2. tawtorizza hrug ta' ezekuzzjoni ta' mandat *in factum* kontra l-konvenuti jew min minnhom fil-kaz li l-**

**istess konvenuti jonqsu li jottemperaw ruhhom mal-ordni msemmija fl-ewwel talba; u**
**3. tiddikjara li l-assi ereditarji tal-mejjet Anthony Theuma Castelletti maghruf bhala Anthony Castle jikkonsistu fil-beni li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza u/jew bhala rizultat tal-ordni msemmija fl-ewwel talba – bl-ispejjez, bis-subizzjoni u b'rizerva ta' kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-attrici kontra l-konvenuti jew min minnhom.**

**<u>L-eccezzjonijiet</u>:**

3. Permezz ta' nota presentata fit-12 ta' Mejju, 1999 il-konvenuti Dott. Ian Spiteri Bailey u l-P.L. Madeline Firman fissru li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk irrizervaw li jirrispondu f'aktar dettal u precizjoni fi stadju ulterjuri. Permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tat-12 ta' Ottubru, 1999, l-imsemmija konvenuti nomine bdew biex jeccepixxu hekk:

**"Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-istess attrici;**

**"Illi preliminarjament l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-Artikolu 741(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Stante illi, kif anke premess fit-tieni premessa ta' l-attrici, l-assi ereditarji jikkonsistu f'assi esteri u cioe` assi li jinsabu l-Ingilterra, u ghalhekk ai termini ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta *"…il-gurisdizzjoni tal-Qrati Superjuri hija generali ghal Malta".*"**

Ghall-fini ta' din is-sentenza ma hemmx ghalfejn li jigu riprodotti l-eccezzjonijiet l-ohra ta' l-imsemmija konvenuti nomine.

4. Il-konvenut Dott. Victor E. Ragonesi eccepixxa hekk:

**"1. Illi bhala ezekutur testamentarju, huwa ma setax jesplika l-mansjonijiet tieghu ghaliex kemm il-**

**konvenuta kif ukoll l-avukati taghha inglizi ma riedux jaghtu l-informazzjoni minnu rikjesta u l-istess avukati inglizi agixxew b'mod kundannabli etikament, tant li l-eccepjent informa lill-Onorevoli Imhallef tas-Sekond Awla u ottjena direttivi minghandu, kif jigi pruvat b'riferiment ghar-rikors li sar;**

**"2. Illi d-decujus kellu assi f'Malta, u parti l-konvenuta iddisponiet minnu u ma rieditx taghti informazzjoni kif mitluba;**

**"3. Illi ghal dak li jirrigwarda d-domandi attrici, l-eccipjent jissottometti ruhu ghal dak li din l-Onorabbli Qorti tistabilixxi u tordna.**

**"4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."**

**Is-sentenza appellata:**

5. Wara li fid-19 ta' Novembru, 1999 xehed il-konvenut Dott. Victor E. Ragonesi (ara fol. 38) il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni "dwar l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni". In segwitu ghal din it-trattazzjoni, l-ewwel Qorti tat is-sentenza taghha, kif inghad, fit-28 ta' Frar, 2000. Dik il-Qorti, fil-parti decizjonali, qalet hekk: *"Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi prevja li tilqa l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti [li] tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju; spejjez kontra l-attrici."*, u dan wara li kkunsidrat hekk:

"Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti dwarl-inkompetenza ta' dina l-Qorti ai termini tal-artikolu 741(a) tal-Kap. 12 stante li, kif anke premess fit-tieni premessa ta' l-attrici, l-assi ereditarji jikkonsistu f'assi esteri u cioe` assi li jinsabu l-Ingilterra u ghalhekk a termini tal-art. 5 tal-Kap. 12 ".....il-gurisdizzjoni tal-Qrati Superjuri hija generali ghal Malta".

Fit-tieni premessa tac-citazzjoni taghha l-attrici tghid li "**l-maggor parti tal-assi ereditarji** tal-fuq imsemmi mejjet Anthony Theuma Castelletti jikkonsistu f'depozitu bankarji,

depoziti ohra u flus li jinsabu l-Ingilterra li kieu fil-kura u that l-amministrazzjoni tal-konvenuta Maria Castle".

Illi Dr V. Ragonesi xehed li s-Sur Castelletti kien gie jghix permanentement haw Malta ma' martu. Wara li mietet martu kien dahal ta' Sawra. Kien jiehu hsieb l-assi tieghu. Dan kellu xi flus il-Mid-Med Bank ir-Rabat. Kellu diversi investimenti l-Ingilterra li t-tifla tieghu kienet tamministrahom fl-Ingilterra. Kien gie nominat ezekutur testamentarju u kien kiteb lil Marie Castle biex tghidlu x'hemm assi u taghtih rendikont. Billi ma taghtux kien mar is-Sekond Awla. Lanqas l-avukati Inglizi ma rrispondew. Hu ghalhekk ma setax jaghmel il-proceduri tal-ezekutorija. Is-sur Castle kien domiciljat hawn Malta u kien ilu hawn Malta 20/25 sena. Kellu passaport Malti u anke ghamel it-testmenti hawn Malta. L-ezekutorija tieghu hija in forza ta' testmenti Maltin.

L-attrici qed tikkontendi li dina l-Qorti ghandha gurisdizzjoni billi s-Sur Castles kien domiciljat Malta, kellu passaport Malti, ghamel it-testmenti tieghu Malta, l-ezekutur testamentarju huwa Malti, ghandu proprjeta` Malta u l-eventwali sentenza tista' tigi esegwita fuq proprjeta` hawn Malta u l-ezekutur jista' jillikwida l-assi Malta.

Illi mill-provi prodotti u d-dokumenti ezibiti jirrizulta li bhala assi kull ma setgha kellu hawn Malta is-Sur Castle kien bank account ir-Rabat, izda prova ta' dana ma ngabitx. Fl-atti tal-kawza ma hemm beda dokument li juri li jezisti dana l-account jew xi assi/proprjeta` ohra li fuqha tista' tigi ezegwita s-sentenza. Anzi kif jirrizulta mill-premessi fic-citazzjoni l-maggor parti tal-assi ereditarji ta' Anthony Theuma Castelletti jikkonsistu f'depoiziti bankarji, depoziti ohra u flus li jinsabu l-Ingilterra.

Illi ghalhekk anke jekk l-attrici kellha tiehu sentenza favorevoli ma kinitx tista' tezegwiha kuntrarjament ghal dak li jipprovdi l-artikolu 742(f) tal-Kap.12.

Inoltre hemm indikat li l-konvenuta, it-tifla tas-sur Castle, giet nominata bhala *administrator under the order of an*

*English court, u l-Avukati Inglizi ottenew Grandt of Lettters of Administration of the estate in the United Kingdom*. (fol. 30/31). Minn informazzjoni mghoddija lil kuraturi jirrizulta li l-avukati ghandhom sehem l-attrici li huma diga` offrewlha u li hija rrifjutat u li huma lesti li jhallsu lill-attrici meta titlobhom.

Finalment jigi osservat li fil-fatt l-ezekutur appuntu ghax m'ghandux l-informazzjoni dwar l-assi tal-mejjet Castle li qeghdin l-ingilterra ma jkunx jista' jillikwida l-assi tal-mejjet Castle.

Anke kieku, skond l-artikolu 742(2) tal-Kap 12, meta jkun hemm gurisdizzjoni konkorrenti bejn zewg qrati, il-qrati taghna jistghu fid-diskrezzjoni taghhom jilliberaw lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju jew iwaqqfu l-procedimenti f'kaz li l-azzjoni, jekk titkompla Malta, tkun vessatorja, oppressiva jew ingusta ghall-konvenuta.

Fic-cirkostanzi ta' dana l-kaz, dina l-Qorti hija tal-fehma li in vista tac-cirkostanzi fuq imsemmija, meta l-assi kwazi kollha qeghdin l-ingilterra, ma jkunx gust li l-konvenuta tigi assoggetta ghal procediment hawn Malta kif qed titlob l-attrici bid-domandi taghha."

**<u>L-ilmenti ta' l-appellanti</u>:**

6. Minn din is-sentenza appellaw kemm Margaret Attard kif ukoll l-ezekutur testamentarju Dott. Victor E. Ragonesi.

7. L-attrici Margaret Attard ghandha, bazikament, zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel Qorti ddecidiet hazin meta lliberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju peress li hija kellha gurisdizzjoni biex tisma' u biex tiddeciedi l-kawza kemm taht l-Artikolu 742(1)(c) tal-Kap. 12 kif ukoll taht l-Artikolu 742(1)(f)[1]. Skond l-attrici, il-

[1] Art. 742(1): "Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi espressament xort'ohra, il-Qrati Civili ta' Malta minghajr ebda distinzjoni jew privilegg, ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taht imsemmija:…(c) kull persuna, f'kawza dwar hwejjeg li qeghdin jew li jinsabu f'Malta;….(f) kull persuna, ghal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur cittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta

wirt jew assi ereditarji ghandu jigi kkunsidrat bhala haga wahda, “universita”, li f’dan il-kaz hija sitwata f’Malta. Il-paragrafi saljenti mir-rikors ta’ appell ta’ l-attrici huma s-segwenti:

**“Il-massa ereditarja, ghalhekk, hija oggett wiehed, proprjeta` wahda. Fil-kaz odjern din il-massa ereditarja, din il-proprjeta` hija sitwata hawn Malta, primarjament ghaliex f’materja ta’ wirt hija applikabbli l-lex domicilii tad-decujus u allura logikament il-‘lex situs’ ta’ massa ereditarja hija wkoll il-lex domicilii. Sekondarjament ukoll ghaliex il-massa ereditarja hija regolata principalment minn testmenti Maltin li jipprovdu ghal nomina ta’ ezekutur testamentarju taht il-ligi Maltija li jamministra l-istess massa ereditarja taht l-iskrutinju ta’ Qorti Maltija.**

**“Tant hu hekk li l-Artikolu 310(d) tal-Kodici Civili (Kap. 16) jikklassifika azzjonijiet dwar wirt bhala immobli.**

**“Skond il-ligi ghalhekk il-massa ereditarja tikkostitwixxi immobli liema immobli, kif intqal, huwa sitwat hawn Malta. Din il-Qorti ghalhekk ghandha gurisdizzjoni indipendentement minn nazzjonalita`, domicilju jew presenza f’Malta tal-konvenuta appellata assenti ghaliex si tratta ta’ kawza dwar hwejjeg li qeghdin jew li jinsabu Malta.”**

Tkompli l-attrici li galadarba gie pruvat, bid-deposizzjoni tal-konvenut Dott. Victor E. Ragonesi, li d-decujus kellu proprjeta` hawn Malta, allura s-sentenza “tista’ tigi ezegwita f’Malta” ghall-finijiet tal-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 742 imsemmi. Skond l-attrici, ghall-finijiet ta’ l-imsemmi paragrafu huwa bizzejjed jekk is-sentenza tkun tista’ tigi ezegwita parzjalment hawn Malta (l-attrici ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-25 ta’ Ottubru, 1955 fl-ismijiet ***Angiolina Wells v. Avukat Dr. Giuseppe Borg Olivier de Puget et noe.*** [2]).

---

jew korp li jkollu personalita` guridika distinta jew assocjazzjoni ta’ persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f’Malta, meta s-sentenza tista’ tkun ezegwita f’Malta….”.

[2] Din kienet kawza dwar firda personali..

8. It-tieni aggravju ta’ l-attrici Attard jirrigwarda l-interpretazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 742[3]. Hija tikkontendi (i) li biex l-ewwel Qorti setghet tillibera mill-osservanza tal-gudizzju kellu jigi ppruvat mhux biss li kien hemm gurisdizzjoni konkorrenti izda li kien hemm kawza li ghadha qed tigi trattata quddiem dik il-Qorti barranija; (ii) li ma kien hemm ebda talba mill-kuraturi deputati biex l-ewwel Qorti tapplika d-diskrezzjoni taghha skond l-imsemmi subartikolu; u (iii) li l-ezercizzju ta’ din id-diskrezzjoni, essendo poter eccezzjonali moghti lill-Qorti, kellu jkun hemm *“provi inkonfutabbli ta’ vessatorjeta`, oppressjoni jew ingustizzja”*:

**“Prova fuq dan ma sarx. Ghall-kuntrarju l-ewwel Qorti donnha kienet influwenzata mill-allegazzjonijiet li saru fl-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuta appellata assenti li huma “detto del detto” mhux konfermati bil-gurament u li l-attrici appellanti ma kellhiex opportunita` tirribattihom stante li l-provi u t-trattazzjoni kienu limitati ghall-ewwel eccezzjoni li ma taghmel ebda referenza ghall-artkolu 742(2).”**

9. L-appellant l-iehor, cioe` l-ezekutur testamentarju, ghandu tista’ tghid kwazi l-istess aggravji bhall-appellanti Attard. Hu jghid li hu (cioe` l-ezekutur testamentarju) qatt ma solleva l-eccezzjoni ta’ mankata gurisdizzjoni kif qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. Jikkontendi wkoll li mid-deposizzjoni tieghu jirrizulta li l-mejjet Castelletti kellu assi f’Malta, fatt li gie rikonoxxut anke mill-ewwel Qorti meta qalet *“li l-parti l-kbira ta’ l-assi kien jinsab l-Ingilterra, u kwindi r-rimanenza kienet tinsab Malta”*. Kwantu ghas-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 742 dana l-appellant jikkontendi li galadarba l-ewwel Qorti spiccat biex applikat dina d-disposizzjoni, ifisser illi hija kienet qed tammetti li l-Qorti ta’ Malta kellha gurisdizzjoni – ghax din id-

[3] 742(2): “Il-gurisdizzjoni tal-qrati ta’ kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li qorti barranija tkun qeghda titratta l-istess kawza jew kawza li ghandha x’taqsam maghha. Meta qorti barranija jkollha gurisdizzjoni konkorrenti, il-qrati jistghu fid-diskrezzjoni taghhom, jilliberaw lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju jew iwaqqfu l-procedimenti f’kaz li l-azzjoni, jekk titkompla Malta, tkun vessatorja, oppressiva jew ingusta ghall-konvenut.”

disposizzjoni tirreferi ghal meta jkun hemm gurisdizzjoni konkorrenti – u li, pero`, ma ingabitx prova li l-azzjoni proposta f'Malta kontra l-konvenuta assenti Maria Carmela Castle kienet b'xi mod vessatorja, oppressiva jew ingusta fil-konfront taghha.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

10. Din il-Qorti, frankament, ma tistax hlief taqbel ma' l-appellanti li s-sentenza appellata ghandha tigi revokata, ghalkemm mhux neccessarjament ghar-ragunijiet kollha migjuba mill-istess zewg appellanti.

11. Jibda biex jinghad li s-sentenza appellata fiha element ta' illogicita`. Filwaqt li l-ewwel Qorti kienet iddifferiet il-kawza ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari ta' karenza ta' gurisdizzjoni – eccezzjoni li, kif gie tajjeb osservat miz-zewg appellanti, kienet giet sollevata biss mill-kuraturi deputati li qed jirrapresentaw lill-assenti – spiccat in effetti biex iddecidiet il-kawza a bazi tal-Artikolu 742(2). Biex ghamlet hekk l-ewwel Qorti kienet neccessarjament qed tirrikonoxxi li kellha, mhux li ma kellhiex, gurisdizzjoni, ghalkemm din kienet wahda konkorrenti ma' dik tal-Qrati Inglizi. L-unika eccezzjoni li l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi kienet dik tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni. Ma nghatat ebda eccezzjoni ohra a bazi ta' l-Artikolu 742(2) tal-Kap. 12; wisq anqas, ghalhekk, setghet l-ewwel Qorti tillibera lill-konvenuti kollha mill-osservanza tal-gudizzju a bazi ta' dak li jinghad fl-imsemmi Artikolu 742(2) u cioe` li *"l-azzjoni, jekk titkompla f'Malta, tkun vessatorja, oppressiva jew ingusta"*.

12. Is-semplici fatt – rikonoxxut mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha – li l-maggor parti ta' l-assi tal-mejjet jinsabu, jew kienu jinsabu, l-Ingilterra, ifisser neccessarjament li f'Malta ukoll hemm assi. Effettivament mid-deposizzjoni tal-konvenut Dott. Victor Ragonesi jirrizulta li l-mejjet kellu kont bankarju hawn Malta, apparti xi mobbili zghar ohra. Jekk l-ewwel Qorti dehrilha li ma saritx l-ahjar prova ta' dan il-kont ghax ma giex ezebit l-i*statement* tal-bank, bl-istess mod ma kellhiex toqghod fuq dak li jinghad fid-dokumenti ezibiti mill-kuraturi deputati –

dokumenti li jikkonsistu f'fotokopji ta' ittri mibghuta mid-ditta "Rowberry Morris, Solicitors" – fejn jinghad li l-Qrati Inglizi kienu nnominaw lil Maria Carmela Castle biex tamministra l-assi li jinsabu fl-Ingilterra. Dawn id-dokumenti ma humiex, fl-assenza ta' qbil bejn il-partijiet, prova tal-kontenut taghhom.

13. Wiehed ma jridx jinsa li proprjament din il-kawza ma hix wahda ta' divizjoni ta' eredita` ossia kawza "biex jintalab wirt jew sehem minnu"[4] -- eredita` li jidher *prima facie* li hi regolata mil-ligi ta' fejn kien domiciljat Anthony Theuma Castelletti meta miet, u cioe` mil-ligi ta' Malta -- izda hija essenzjalment kawza intiza sabiex <u>tigi determinata l-konsistenza ta' din l-eredita`</u>. Trattandosi, kif jidher li hu il-kaz, ta' oggetti mobbili, kull qorti fejn ikunu jinsabu xi whud minn dawn il-mobbli ghandha *prima facie* gurisdizzjoni biex tiehu konjizzjoni ta' talba li hija b'xi mod konnessa ma dawk il-mobbili in kwantu formanti parti mill-eredita.` Hekk, fil-kawza ***Joseph Lanzon v. Dr. Joseph Cassar Galea et noe***, deciza mill-Prim Awla fid-19 ta' Gunju, 1951, gie ritenut:

**"Illi kull Qorti ghandha l-gurisdizzjoni fuq il-beni li jkunu jezistu fil-limiti territorjali taghha – dak li jgib ghall-konsegwenza li jistghu jsiru diversi aperturi tas-successjoni u likwidazzjoni seperatament f'kull post fejn ikunu jinstabu xi beni, minghajr ma jkun bl-ebda mod prezunt li l-partijiet ikunu qeghdin jaccettaw bhala perfetta, kompleta u finali ebda wahda minnhom fl-ipotesijiet kontemplati fuq;**

**"Illi kwindi l-likwidazzjoni u divizjoni li sejra ssir tirrigwarda biss l-oggetti u hwejjeg – sew li hawn jinstabu, sew li jinstabu barra – li sejrin jissemmew; salvi d-drittijiet rispettivi tal-kontendenti ghal dawk li ma humiex sejrin jissemmew."**

[4] Artikolu 310(d), Kap. 16.

Issa, ma hemmx dubbju wkoll li, kif tajjeb tosserva l-attrici appellanti, l-eredita` hija *universitas rerum*, haga wahda. Fi kliem il-gurista Vitali[5]:

**"L'eredita` e`, quindi, il patrimonio, che il defunto lascia dopo di se`: complesso ideale di attivita` e di passivita`, che, invece di lui, sta a rappresentarlo nei rapporti dei successibili e dei terzi. Percio` l'eredita`, nella mente dei giuristi romani, era una idealita` *giuridica (nomen juris)*, che quel complesso di rapporti rappresentava e cui si attribuiva quasi la funzione di di persona giuridica *(persone vice fungitur)*. Ne consegue, che come il patrimonio, cosi` l'eredita` e` una universalita` di diritto *(universum jus, omne jus, universa bona)*. Non sarebbe, quindi, ben definita: "l'insieme delle cose, che hanno la determinazione di passare all'erede", il che invece ben si appella *asse ereditario* o massa di beni."** [6]

Fil-fehma ta' din il-Qorti minn dan isegwi li ghall-finijiet tal-paragrafu (c) tal-Artikolu 742 tal-Kap. 12 galadarba parti mill-assi tal-mejjet tinsab ukoll f'Malta, l-ewwel Qorti ghandha gurisdizzjoni li tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici, ghax jista' jinghad li l-eredita`, bhala *universitas rerum*, tinsab ukoll f'Malta. S'intendi, jista' jkun hemm, bhalma probabbilment hemm f'dan il-kaz, gurisdizzjoni konkorrenti ta' Qorti barranija – izda dan il-punt la tqajjem formalment permezz ta' eccezzjoni u, kif diga gie osservat, anqas kien proprjament il-punt li kellu jigi deciz preliminarjament. Fl-ahharnett din il-Qorti ghandha tosserva li din is-sentenza hja soluzzjoni pjuttost formali ghall-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni sollevata mill-appellata assenti. Mhux eskluz, ghalhekk, li jistghu eventwalment jitfaccjaw diversi diffikultajiet prattici fil-konfront ta' dik il-parti tal-assi tad-decujus li tinsab barra minn Malta.

14. Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appelli interposti, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tibghat l-atti lura lill-

---

[5] Vittore Vitali, *"Delle Successioni Legittime e Testamentarie"* fi ***Il Diritto Civile Italiano***, per cura di Pasquale Fiore, Riccardo Margheri di Gius. (Napoli), 1891.

[6] *op. cit.* Parte Nona, Volume Primo, pagine 10-12. Ara wkoll ***Benjamin De Giovanni v. Dr. Giuseppe Mifsud Speranza noe.*** Prim Awla, 10 ta' Marzu, 1960.

Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex din tkompli tisma' l-kawza skond il-ligi. Fic-cirkostanzi l-ispejjez taz-zewg istanzi ghall-fini ta' din id-decizjoni jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, hlief ghal dawk tal-kuraturi deputati li ghandhom jithallsu provvisorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------